# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 279/2020/2 AF**

**Lineker Micallef**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali ('appellanti') appellaw mill-provvediment li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-9 ta' Diċembru 2020 li bih laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex jinħeles mill-arrest u jibqa' hekk meħlus sakemm ma jkunx hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi.

2. Il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

i. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2018 fil-kawża il-Pulizija v. Lineker David Micallef et, ir-rikorrent kien kundannat piena ta' priġunerija ta' sentejn. Ir-rikorrent kien akkużat flimkien mal-partner tiegħu li kkaġunaw ġrieħi fuq tnejn min-nies, ħebbew għalihom, offendewhom, heddewhom, qalu kliem oxxen u kisru l-paċi pubbliku, kif ukoll saru riċedivi.

ii. Ir-rikorrent appella mill-kap tas-sentenza li tirreferi għall-piena.

iii. Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2020 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent kien preżenti u kien assistit minn avukat. Dakinhar instemgħu xhieda u l-appell kien differit għas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020 sabiex isiru sottomissjonijiet. Skont ma ddikjara fir-rikors promotur f'dak iż-żmien kien qiegħed isegwi programm minħabba l-vizzju tad-droga u qal li *"kien għadu inkarċerat"*.

iv. Skont ma ppremetta fir-rikors promotur l-istess rikorrent, xi ġranet qabel it-8 ta' Ottubru 2020 kien ġie arrestat dwar każ ieħor u tpoġġa fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin.

v. Ir-rikorrent m'attendiex għas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020. M'hemmx kontestazzjoni li dakinhar kien detenut fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. Għal dik is-seduta lanqas m'attenda d-difensur tar-rikorrent, għalkemm fil-verbal jingħad li ġie imsejjaħ l-avukat li llum qiegħed jassistih f'dawn il-proċeduri. L-appell tar-rikorrent ġie dikjarat deżert *ai termini* tal-Art. 422 tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li l-appell tal-ko-akkużata tkompla jinstema'.

vi. Ir-rikorrent isostni li kien biss wara li għadda t-terminu kontemplat fl-Art. 422 tal-Kodiċi Kriminali li kien infurmat b'dak li kien ġara.

vii. Fl-24 ta' Novembru 2020 ir-rikorrent ippreżenta kawża kostituzzjonali (279/2020), li għadha qiegħda tinstema', fejn qiegħed isostni li l-Art. 422 tal-Kodiċi Kriminali jilledi l-jedd fundamentali għal smigħ xieraq u sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tiġi ordnata terġa tappunta l-appell għas-smigħ. Dakinhar stess ir-rikorrent ippreżenta rikors ieħor u talab lill-istess qorti sabiex tagħti rimedju proviżorju billi tordna l-ħelsien mill-arrest taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha li għandha timponi. It-talba taqra hekk:

*"2. Bħala rimedju proviżorju tordna l-ħelsien mill-arrest provviżorju tal-esponenti, taħt dawk il-kondizzjonijiet kollha li tħoss xierqa u*

*konsegwentement tordna lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jew dik l-awtorita' oħra kompetenti jirrilaxxa lill-esponenti hekk kif u meta l-kundizzjonijiet impost minnha jiġu sodisfatti"*.

viii. B'digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru 2020 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent.

*ix.* B'digriet mogħti fl-4 ta' Frar 2021 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-Avukat tal-Istat sabiex jappella mid-digriet. Il-parti dispożittiva tad-digriet taqra:

*"Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ngabet lilha raguni tajba u serja bizzejjed fil-ligi biex taghti provvediment provizorju dwar it- talba imressqa.*

*"Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna li Lineker Micallef jinheles minnufih miz-zamma tieghu ta' detenzjoni fil-facilità korrettiva hekk kif issir in-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tas- Servizzi Korrettivi, u li jibqa' hekk hieles sakemm ma jkunx hemm bdil fic-cirkostanzi li ngabu sal-lum quddiem din il-Qorti.*

*"Tordna illi waqt il-helsien mid-detenzjoni Lineker Micallef m'ghandu bl-ebda mod jitlaq minn Malta ghaz-zmien kollu li dan il-provvediment ikun fis-sehh u ma jonqosx milli jidher quddiem din il-Qorti f'kull smiegh tal-kawza sakemm ma jkunx mehlus minn qabel b'ordni ta' din il-Qorti.*

*"Il-Qorti tirrizerva li tipprovdi ulterjorment fir-rigward jekk tinqala' l-htiega.*

*"Il-Qorti tordna li dan il-provvediment huwa ezegwibbli minnufih"*.

x. B'rikors preżentat fil-11 ta' Frar 2021 l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali appellaw mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

3. L-ewwel Qorti, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza dwar dawn it-tip ta' provvedimenti spjegat:

*"Fil-kaz in ezami jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-Art. 422 tal-Kap. 9 ma jaghmel ebda provvediment ghal sitwazzjoni fejn appellant jonqos li jidher minhabba xi raguni li kienet totalment barra mill-volontà tieghu, kif effettivament gara f'dan il-kaz. Lineker Micallef kien qieghed jinzamm arrestat. Ma twemminx meta informa lill-awtoritajiet tal-habs illi kellu appell appuntat u, fuq kollox, kif ikkonferma bil-gurament tieghu mhux kontradett lanqas kontro-ezaminat, talab li jkellem l-avukat tieghu pero' din it-talba giet michuda. Jidher ukoll illi l-avukat stess kien qieghed jipprova jikkomunika mieghu fil-habs pero' dan ukoll ma wassal ghal xejn.*

*F'dawn ic-cirkostanzi, fejn l-appellant spicca minghajr rimedju meta l-appell tieghu gie dikjarat dezert, il-Qorti tqis illi tezisti mad-daqqa t'ghajn il-lezjoni lmentata. Il-Qorti tenfasizza, però illi dan bl-ebda mod ma jorbtilha jdejha jew jippregudika l- proceduri principali. Madanakollu l-Qorti tqis illi l-fatt li r- rikorrenti qieghed jiskonta piena ta' inkarcerazzjoni meta tezisti possibilità ragonevoli li tali piena tista' tigi rikonsidrata jekk u meta jkollu l-opportunità tal-appell twassal ghall-gustifikazzjoni tar-rimedju provizorju kif mitlub. L-inkarcerazzjoni hija piena estrema u bhala tali ghandha tigi subita f'sitwazzjonijiet ta' certezza estrema. Din tal-lum ghadha mhijiex.*

*Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ngabet lilha raguni tajba u serja bizzejjed fil-ligi biex taghti provvediment provizorju dwar it- talba imressqa"***.**

4. Fl-aggravju l-appellanti argumentaw:

*"Illi l-esponent ma jaqbel xejn mal-affermazzjoni tal-ewwel qorti meta fid-digriet qalet li l-inkarċerazzjoni hija piena estrema u bħala tali għandha tiġi subita f'sitwazzjonijiet li ġiet imposta fuqu leġittimament mill-Qrati penali wara li instab ħati u allura mhemm xejn estrem f'dan kollu u mhuwiex minnu li l-inkarċerazzjoni isseħħ biss f'każijiet ta' ċertezza estrema. Persuna tiġi inkarċerata wara li tgħaddi minn proċess ġudizzjarju quddiem Qorti indipendenti u imparzjali u jekk il-Qorti jidhrilha li, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, piena karċerarja ta' ħabs effettiv hija ġusta u idonea skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Illi jidher li l-ewwel qorti tat piż kbir lix-xhieda li ta r-rikorrent meta iddepona u qal li hu ma marx għas-seduta tal-appell għaliex kien il-ħabs u li l-uffiċjali tla-ħabs ma kinux jafu bid-data tas-seduta u li lanqas ħallewh jikkomunika mal-avukat tiegħu. L-esponenti jiċħdu kategorikament il-verżjoni tar-rikorrenti. Jirriżulta li r-rikorrent kellu tliet xhur żmien biex jivverifika liema hija d-data tas-seduta, ikellem avukat dwar dan u jagħmel l-arranġamenti kollha sabiex jattendi is-seduta, pero' jidher li r-rikorrent baqa' għal kollox passiv anke wara li għadda ż-żmien biex jagħmel ir-rikors ai termini tal-artikolu 422 tal-Kap. 9.*

*Illi r-rikorrent qiegħed jibbaża din it-talba fuq allegazzjoni li l-artikolu 422 tal-Kap. 9 jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu pero' irid jingħad li l-Qrati Maltin diġa' kellhom l-opportunita' jesprimu ruħhom dwar l-artikolu 422 tal-Kap. 9 u dejjem waslu għad-deċiżjoni li l-artikolu 422 għandu għan leġittimu u ċertament ma jikser l-ebda jedd fundamentali. Dan fih innifsu diġa juri kif l-ewwel rekwiżit dwar il-ksur prima facie ma jissusistix għaliex ir-rikorrent qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs li ġiet imposta fuqu leġittimament mill-Qorti.*

*Talbiet għall-inkarċerazzjoni pendenti l-eżitu ta' kawża kostituzzjonali ġew ripetutament u konsistentement miċħuda mill-Qrati tagħna iktar u iktar meta fil-każ odjern għandna sitwazzjoni fejn ir-rikorrent kien qiegħed jiskonta sentenza li hija res judicata u l-appell tiegħu mar deżert minħabba non-kuranza tal-istess rikorrenti. Issir referenza għas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Stephen Pirotta vs Avukat Ġenerali et tad-19 ta' April 2016 li kienet titratta proprju talba għall-iskarċerazzjoni pendenti l-kawża kostituzzjonali fejn intqal.....".*

5. Fid-deċiżjoni <u>Stephen Nana Owusu v. Kummissarju tal-Pulizija et</u> tat-13 ta' April 2018, din il-Qorti qalet:

*"...... biex tista' tinghata din l-ghamla ta' mizura straordinarja jehtieg li min jitolbu juri li talanqas mad-daqqa t'ghajn hemm ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-ghoti ta' rimedju interim ikun jirreka dannu irriversibbli ghal dik il-parti. Gie ritenut in materja illi:*

*"Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;*

*"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha".*

6. Il-Qorti qrat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-appellat u ma tistax taqbel mar-raġunament li għamlet l-ewwel Qorti. Fis-seduta tad-9 ta'

Diċembru 2020 kien xehed l-appellat u qal li kien notifikat bid-data tas-smigħ tal-appell;

> *"Kont naf illi l-appell kien l-ewwel jew it-tieni ġimgħa ta' Ottubru. Jiena avżajt lill-uffiċċjal tad-division biex igħid lill-amministrazzjoni tal-ħabs illi jiena kelli l-appell. Jiena kont qiegħed gol-ħabs Division 4. Jiena qaluli li r-risposta tal-amministrazzjoni tal-ħabs kienet 'ir-riferti li għandu tajthomlu allaħares kull min igħid li għandu l-qorti intellgħuh il-qorti". L-appell kien fit-8 tax-xahar. Fis-16 missieri mar iħallasli l-multa u ħriġt. Bdejt naħdem. <u>Kont qiegħed għax-xogħol. Kont qed naħdem mal-għarus ta' oħti fil-ġebel biex nibda inħallas bil-mod il-mod lil missieri li kien ħariġli ħafna flus. Ċempluli mill-għassa u bagħtuni l-ħabs. L-ewwel sebat ijiem lanqas ħallewni inkellem lill-avukat. Jiena sirt naf li l-avukat kien iċempel pero' ma kinux iħalluni inkellmu.</u> Wara sebat ijiem stajt inċempillu. Għamilt ħmistax-il ġurnata kwarantina".*

7. Minn dan il-bran il-Qorti fehmet li meta l-appellat irrakkonta li ma ħallewhx jitkellem mal-avukat li skont ir-rikorrent kien qiegħed iċempillu, jekk verament ġara hekk peress li dik il-verżjoni ma ġietx korraborata b'xhieda mill-avukat li kien qiegħed jassisti lill-appellat, dan kollu seħħ wara li kienu diġa' għaddew l-erbat ijiem li jissemmew fl-Art. 422 tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk dik il-parti tad-deposizzjoni ma kinitx rilevanti għal kwistjoni dwar x'ġara f'dawk l-erbat ijiem li fihom skont il-liġi l-appellat seta' talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex terġa' tappunta l-appell għas-smigħ. Saħansitra, lanqas l-avukat li kien qiegħed jassisti lill-appellat m'attenda għas-seduta li fiha l-appell ġie dikjarat deżert (ara verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020 li saret quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali). Kien l-appellat li qabel dakinhar kellu d-dmir li jikkomunika mad-difensur li kien inkariga sabiex jirrapreżentah f'dawk il-proċeduri kriminali, u jinfurmah li kien qiegħed fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Dan apparti li fir-rikors li bih talab li tingħata miżura proviżorja (preżentat fl-24

ta' Novembru 2020) fl-ebda parti tiegħu ma iddikjara li qabel is-seduta talab li jikkomunika mal-avukat li kien qiegħed jirrapreżentah fl-appell, u l-awtoritajiet tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin ċaħdu t-talba.

8. Saħansitra, ma jirriżultax li kif ħareġ mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, ikkomunika mal-avukat biex jara kif ser jibqa' dwar l-appell li kellu fit-8 ta' Ottubru 2020 u li m'attendix għalih. Skont ma xehed ir-rikorrent kien sar jaf b'dak li ġara wara li cemplulu mill-għassa tal-pulizija waqt li kien qiegħed għax-xogħol. Minn kliem ir-rikorrent stess hu evidenti li wara li ħareġ mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin ma qagħadx iħabbel rasu dwar x'seta' ġara mill-appell li kellu jinstema' fit-8 ta' Ottubru 2020, u kompla b'ħajtu.

9. Mit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tar-rikorrent il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li, *"Ma twemminx meta informa lill-awtoritajiet tal-ħabs illi kellu appell appuntat u, fuq kollox, kif ikkonferma bil-ġurament tiegħu mhux kontradett lanqas kontro-eżaminat, talab li jkellem l-avukat tiegħu pero' din it-talba ġiet miċħuda"*. Mill-verżjoni li ta l-appellat, il-Qorti tista' tifhem biss li talab li jkellem avukat wara li kienu diġa` skadew l-erbat ijiem li jissemmew fl-Art. 422 tal-Kodiċi Kriminali. M'hemmx prova li mit-8 ta' Ottubru 2020 sal-ġurnata li baqa' residenti fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin kien talab li jitkellem mal-avukat ta' fiduċja tiegħu, u l-awtoritajiet ċaħdu t-talba.

10. Ovvjament ma kienx fiżikament possibbli li minn jeddu l-appellant jattendi għas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2020 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ġialadarba kien arrestat. Pero` ġialadarba m’hemmx prova li kien projbit milli jikkomunika mal-avukat ta’ fiduċja tiegħu qabel dakinhar tas-seduta jew fil-ġranet ta’ wara, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel qorti li mad-daqqa t’għajn hu vittma ta’ ksur tal-jedd fundamentali protett bl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-fatt waħdu li r-rikorrent kien fil-jum tas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2020 kien residenti fil-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin ma jfissirx li hi *prima facie* prova li seħħ ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq minħabba li ma attendix għas-seduta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan apparti li mill-mod kif xehed pjuttost jagħti wieħed x’jifhem li lanqas biss kien jaf id-data tas-seduta.

11. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellat allega diversi fatti, bħal per eżempju li fil-perjodu rilevanti r-rikorrent kien qiegħed f’Division 6 tal-Faċilita` Korrettiva ta’ Kordin u kien projbit milli jagħmel kuntatt ma persuni fuq barra, inkluż mal-avukat. Madankollu qorti tiddeċiedi a bażi ta’ fatti li jirriżultaw mill-atti li jkollha quddiemha u mhux fatti li jissemmew waqt trattazzjoni ta’ appell u li dwarhom ma jkun hemm l-ebda prova fl-atti tal-ewwel Qorti. Dawk il-fatti u oħrajn li semma d-difensur tar-rikorrent waqt it-trattazzjoni ma jirriżultawx mill-atti. Dan apparti li r-rikorrent xehed li kien qiegħed jinżamm f’Division 4, u għalhekk ma jaqbilx ma’ dak li qal l-avukat waqt it-trattazzjoni.

12. Bażat fuq il-provi li hemm fl-atti, għalkemm r-rikorrent kien arrestat fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin ma saritx prova li kien fl-impossibilta` li jikkomunika ma persuni fuq barra. B'hekk seta' jikkomunika ma' membri tal-familja tiegħu sabiex jinfurmaw lill-avukat li kien qiegħed jassistih fil-każ b'dak li ġara wara s-seduta tas-6 ta' Lulju 2020, u b'hekk isiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex jattendi għas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020. Seta' hu stess ikkomunika mal-avukat li kien qiegħed jassistih fil-każ, u jinfurmah b'dak li kien ġara mill-aħħar seduta.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell, tħassar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Diċembru 2020 u tiċħad it-talba tal-appellat għal rimedju proviżorju li saret bir-rikors tal-24 ta' Novembru 2020.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellat Micallef.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Iħhallef

Deputat Reġistratur
gr